



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/537 tal-31 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu ta' koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karminiku u karminji (E 120) fl-ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/538 tal-31 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tal-aċidu benzojku — benżoati (E 210 — 213) f'gambli msajrin fis-salmura ⁽¹⁾** 4
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/539 tal-31 ta' Marzu 2015 li jawtorizza dikjarazzjoni sanitarja dwar l-ikel, ħliet dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 ⁽¹⁾** 7
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/540 tal-31 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 11

DEĊIŻIONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/541 tal-24 ta' Marzu 2015 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2011/492/UE dwar il-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE** 13
- ★ **Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-isvizzera tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda t-Tabelli III u IV(b) tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati [2015/542]** 16

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/537

tal-31 ta' Marzu 2015

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu ta' koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karminiku u karminji (E 120) fl-ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jew fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), fl-opinjoni tagħha tat-22 ta' Mejju 2008 ⁽³⁾ irrakkomandat li titnaqqas id-doża tollerabbli fil-ġimgħa (TWI) għall-aluminju għal 1 mg/kg tal-piż tal-ġisem fil-ġimgħa. Barra minn hekk, l-Awtorità tqis li fparti sinifikanti tal-Unjoni, it-TWI riveduta ġeneralment tinqabeż fil-każ ta' dawk li jikkonsumaw ħafna, speċjalment it-tfal. Sabiex jiġi żgurat li t-TWI riveduta ma tinqabiżx, il-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu għall-addittivi tal-ikel li fihom l-aluminju, inklużi l-koloranti tal-aluminju ġew emendati permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 380/2012 ⁽⁴⁾.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 380/2012 jistipula li l-koloranti tal-aluminju ppreparati mill-kuluri kollha elenkati fit-Tabella 1 tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huma awtorizzati sal-31 ta' Lulju 2014. Mill-1 ta' Awwissu 2014, il-koloranti tal-aluminju ppreparati mill-kuluri elenkati fit-Tabella 3 tal-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 biss huma awtorizzati u dan biss f'dawk il-kategoriji tal-ikel fejn id-dispożizzjonijiet dwar il-limiti massimi tal-aluminju li ġej mill-koloranti huma espliċitament iddikjarati fil-Parti E ta' dak l-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

⁽³⁾ L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi tal-Ikel, Ħwawar, Sustanzi li jgħinu fl-Ipproċessar u Materjali li jiġu f'Kuntatt mal-Ikel (AFC) dwar is-Sikurezza tal-aluminju mill-konsum djetetiku, (*The EFSA Journal* (2008) 754, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 380/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' użu u l-livelli ta' użu għall-addittivi tal-ikel li fihom l-aluminju (ĠU L 119, 4.5.2012, p. 14).

- (5) It-talba għal estensjoni tal-użu ta' koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karminiku u karminji (E 120) f'ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali ġiet ippreżentata fit-30 ta' Ottubru 2013 u tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008. Din l-applikazzjoni talbet li jiġi stabbilit il-livell massimu tal-aluminju li għej mill-koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karminiku, karminji f'dak l-ikel. L-estensjoni tal-użu ntalbet għal ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali li mhumiex maħsuba għat-trabi u t-fal żgħar. Waqt li għew ikkunsidrati l-applikazzjonijiet, ingħatat attenzjoni speċjali għall-possibbiltà ta' esponiment għall-aluminju, mingħajr ħsara għar-Regolament (UE) Nru 380/2012.
- (6) Fil-koloranti tal-aluminju tal-kuluri, iż-żebgħa ssir insolubbli u tiffunzjona b'mod differenti miż-żebgħa ekwivalenti tagħha (pereżempju titjib fl-istabbiltà meta tiġi esposta għad-dawl u s-sħana u fil-pH, ma tippermettix li l-kulur jiskula u tagħti sfumatura differenti lill-kuluri taż-żebgħa) għaldaqstant tagħmel lill-forma tal-kolorant adattata għal ċerti applikazzjonijiet tekniċi speċifiċi. Il-koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karminiku u karminji huma adattati biex jissodisfaw il-ħtieġa teknoloġika ta' ikel djetetiku u likwidu trattat bis-sħana għal skopijiet mediċi speċjali.
- (7) L-ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali huwa ddefinit mid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE⁽¹⁾ bħala kategorija ta' ikel maħsub għal użi nutrizzjonali partikolari, ipproċessat u fformulat b'mod speċjali jew ifformolat u maħsub għall-ġestjoni djetetika tal-pazjenti u li jrid jintuża taħt superviżjoni medika. Dan hu maħsub sabiex jitm' esklużivament jew parzjalment lill-pazjenti b'kapaċità limitata, dgħajfa jew iddisturbata biex jieklu, jiddiġerixxu, jassorbu, jimmetabolizzaw jew ineħħu oġġetti tal-ikel ordinarji jew ċerti nutrijenti li jkun fihom, jew metaboliti, jew bi ħtiġijiet nutrittivi oħra stabbiliti b'mod mediku, li l-ġestjoni djetetika tagħhom ma tistax tinkiseb biss bit-tbiddil tad-dieta normali, b'ikel ieħor għal użi nutrizzjonali partikolari, jew b'taħlita tat-tnejn.
- (8) Meta titqies id-dejta dwar il-konsum għall-ikel djetetiku maħsub għal skopijiet mediċi speċjali mill-Bażi ta' Dejta Komprensiva tal-EFSA dwar il-Konsum tal-Ikel⁽²⁾ u jekk wieħed jassumi li dan se jkun fih l-aluminju fil-livell massimu ta' 3 mg/kg, l-esponiment għall-aluminju minn dak l-ikel jibqa' sew taħt t-TWI — 1 mg/kg ta' piż tal-ġisem/fil-ġimgħa kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal. Għaldaqstant, meta wieħed iqis li l-esponiment għall-aluminju minn sorsi djetetiċi oħra jkun limitat speċjalment fil-każ tal-konsum esklużiv, mhuwiex mistenni li tinqabeż it-TWI għal pazjenti li jikkonsumaw ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali.
- (9) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta aġġornament bħal dan ma jkunx mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Billi l-estensjoni tal-użu ta' koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karminiku u karminji tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li x'aktarx ma tħallix effett fuq is-saħħa tal-bniedem, mhux meħtieġ li titfittex l-opinjoni tal-Awtorità.
- (10) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29).

⁽²⁾ <http://www.efsa.europa.eu/en/datexfoodcdb/datexfooddb.htm>

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

- (1) fil-kategorija tal-ikel 13.2. Ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fid-Direttiva 1999/21/KE (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5) l-entrata għall-Grupp III qed tinbidel b'dan li ġej:

	"Grupp III	Kuluri b'limitu massimu kkombinat	50	(88)"	
--	------------	-----------------------------------	----	-------	--

- (2) fil-kategorija tal-ikel 13.2. Ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fid-Direttiva 1999/21/KE (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5) qed tiżdied in-nota li ġejja f'qiegħ il-paġna:

		"(88): Il-limitu massimu tal-aluminju li ġej mill-koloranti tal-aluminju tal-koċineal, aċidu karmniku u karminji E 120 huwa ta' 3 mg/kg biss fi prodotti likwidi trattati bis-sħana. Ma jistgħux jintużaw koloranti tal-aluminju oħra. Għall-finijiet tal-Artikolu 22 (1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, dak il-limitu għandu japplika mill-1 ta' Frar 2013."
--	--	--

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/538**tal-31 ta' Marzu 2015****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tal-aċidu benzojku — benżoati (E 210 — 213) f'gambli msajrin fis-salmura****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni inkella wara talba.
- (3) Talba biex tiġi emendata l-lista tal-Unjoni dwar l-addittivi tal-ikel kienet ippreżentata mid-Danish Seafood Association sabiex jiżied il-livell permess tal-aċidu benzojku — benżoati (E 210 — 213) f'gambli msajrin fis-salmura.
- (4) Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tiffissa limiti massimi għall-użu tal-aċidu Sorbiku — sorbati; Aċidu benzojku — benżoati (E 200 — 213) ta' 2 000 mg/kg f'ħut semipreżervati u prodotti tal-ħut inklużi krustaċji, molluski, surimi u pejst tal-ħut/krustaċji; krustaċji u molluski msajra. Fil-krustaċji u molluski msajra il-livell totali massimu permess ta' aċidu Benzojku — benżoati (E 210 — 213) huma barra minn hekk 1 000 mg/kg.
- (5) Dawn il-livelli massimi permessi f'gambli msajra u mmellħin b'pH ta' 5,6 sa 5,7 għandhom ikunu biżżejjed biex ma jħallux il-*Listeria monocytogenes* tikber f'temperaturi tat-tkessiħ ta' bejn il-5 u 8 °C. Madankollu, tibdiliet żgħira fil-parametri tal-ippriservar jistgħu jirriżultaw fit-tkabbir tal-*Listeria monocytogenes*. Metodu matematiku ta' tbassir ġie żviluppat fl-Università Teknika tad-Danimarka, sabiex jiddetermina liema livell ta' aċidu benzojku benzoat (E 210 — 213) huwa meħtieġ ⁽³⁾. Skont dak il-mudell il-livell ta' 1 000 mg/kg ta' E 210 — 213 mhuwiex biżżejjed sabiex ma jħallix il-*Listeria monocytogenes* jikber f'gambli fis-salmura f'pH ta' 5,8. Sabiex ma tikbrix il-*Listeria monocytogenes* f'dawn il-gambli, kemm il-mudell kif ukoll it-testijiet juru li l-aħjar kombinazzjoni ta' aċidu Benzojku — benżoati (E 210 — 213) u aċidu Sorbiku — sorbati (E 200 — 203) huma 1 500 mg/kg u 500 mg/kg rispettivament.
- (6) Fir-rapport tagħha, it-tendenzi u sorsi taż-żoonożi, aġenti zoonotiċi u t-tixrid ta' mard fl-2012 ⁽⁴⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) ikkonkludiet li n-numru tal-każi tal-listerjożi fil-bnedmin żdiedu kemm kemm meta mqabbla mal-2011, u 1 642 każ fil-bnedmin ġew irraportati fl-2012. Tendenza ta' żieda statistikament sinifikanti fl-Unjoni kienet osservata matul il-perjodu 2008-2012, għalkemm tiżdied bil-mod, flimkien ma' xejra staġjonali. Bħalma kien ukoll fis-snin ta' qabel, rata għolja ta' fatalità (17,8 %) kienet irrapurtata fost il-każi. Total ta' 198 mewt minħabba l-listerjożi kienu rrapurtati minn 18-il Stat Membru fl-2012, li kien l-oġġla numru ta' każi fatali rrapurtati sa mill-2006. Il-*Listeria monocytogenes* f'ti li xejn kienet misjuba 'l fuq mill-limitu legali tas-sigurtà f'ikel lest biex jittiekel fil-punt tal-bejgħ. Ħafna drabi, il-kampjuni li qabżu dan il-limitu kien g'ejjin minn prodotti tal-ħut.

⁽¹⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1).⁽³⁾ <http://sssp.dtuqua.dk>⁽⁴⁾ Ir-Rapport ta' Sinteżi tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tendenzi u l-Għejun taż-Żoonożi, l-Aġenti Zoonotiċi u t-Tifqigħat ta' Mard li Jinġarr fl-ikel fl-2012 (EFSA Journal 2014,12(2):3547), <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/3547.pdf>

- (7) Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar it-Teħid tal-Addittivi tal-Ikel Dijetetiku fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ikkonkluda li l-esponiment tal-aċidu benzojku — benżoati jista' jkun sa' 96 % tad-doża aċċettabbli ta' kuljum (ADI) għat-tfal żgħar u 84 % għall-adulti, bbażat fuq l-użu flivelli massimi permissibbli. Dak iż-żmien kien stipulat livell massimu ta' 2 000 mg/kg ta' aċidu sorbiku — sorbati fil-gambli msajrin flimkien mal-aċidu benzojku — benżoati. Dan il-livell kien ġie rivedut mid-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ meta din l-awtorizzazzjoni kienet estiża għall-krustaċji u molluski msajra kollha, madankollu b'massimu ta' 1 000 mg/kg għall-aċidu benzojku — benżoati. Għalhekk hu mistenni li żieda ta' dan il-livell għal 1 500 mg/kg, għal-gambli msajra fil-salmura biss, mhijiex se twassal għall-esponiment żejjed li jkun ta' tħassib għas-sikurezza.
- (8) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità biex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni mhux mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-awtorizzazzjoni tal-użu tal-aċidu benzojku — benżoati (E210 — E213) fil-gambli msajra ppreservati fis-salmura tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux mistenni jħalli effett fuq saħħet il-bniedem, m'hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.
- (9) Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ COM(2001) 542 finali.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 li temenda d-Direttiva 95/2/KE dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri li sostanzi li jagħtu ħlewwa u d-Direttiva 94/35/KE dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti tal-ikel (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 10).

ANNEX

F'Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, tal-kategorija tal-ikel 09.2 "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji", l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-addittiv tal-ikel E 210 — 213:

"E 210 — 213	Aċidu benzojku — benżoati	1 500	(1) (2)	Gambli msajra fis-salmura biss"
--------------	---------------------------	-------	---------	---------------------------------

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/539**tal-31 ta' Marzu 2015****li jawtorizza dikjarazzjoni sanitarja dwar l-ikel, ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqs fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 18(4) u 19 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li d-dikjarazzjonijiet sanitarji dwar l-ikel huma pprojbiti ħlief meta tawtorizzahom il-Kummissjoni skont dan ir-Regolament u jkunu inklużi f'lista ta' dikjarazzjonijiet permessi.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 ⁽²⁾ li jstabbilixxi lista ta' dikjarazzjonijiet sanitarji permessi dwar l-ikel, ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqs fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet sanitarji għandhom iressquhom l-operaturi tan-negozji tal-ikel lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tibgħat l-applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA), minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", biex issir valutazzjoni xjentifika tagħhom, kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-informazzjoni tagħhom.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sanitarji filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità.
- (5) Id-dikjarazzjonijiet sanitarji bbażati fuq evidenza xjentifika li tkun għandha kemm ġiet żviluppata u/jew li jkunu jinkludu talba għall-protezzjoni tad-dejta riżervata għandhom jgħaddu minn tip ta' awtorizzazzjoni mgħaġġla ħalli tiġi stimolata l-innovazzjoni.
- (6) Wara applikazzjoni minn Barry Callebaut Belgium NV sottomessa b'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u li tinkludi talba għall-protezzjoni tad-dejta riżervata, l-Awtorità ntalbet twassal opinjoni dwar il-modifika tal-awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa "il-flavanoli tal-kawkaw jgħinu jżommu l-elastiċità tal-vażi tad-demm, li jikkontribwixxu għall-fluss normali tad-demm". Dik l-indikazzjoni dwar is-saħħa kienet awtorizzata, skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 851/2013 ⁽³⁾. L-applikant talab estensjoni tal-kundizzjonijiet awtorizzati tal-użu tal-indikazzjoni għal estratt tal-kawkaw b'kontenut għoli ta' flavanoli (HF) li jiġi kkunsmat f'kapsuli, pilloli jew jiġi miżjud ma' "ikel ieħor, inkluż ix-xorb".
- (7) Fil-5 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċewew opinjoni xjentifika mill-Awtorità (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2013-00832) ⁽⁴⁾ li kkonkludiet li abbażi tad-dejta ppreżentata, ġiet stabbilita rabta ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-flavanoli mill-kawkaw f'estratt tal-kawkaw b'kontenut għoli ta' flavanoli (HF) (jiġifieri f'kapsuli jew pilloli) u l-effett indikat.
- (8) L-Awtorità indikat fl-opinjoni tagħha li l-konklużjonijiet tagħha ma setgħux jintlaħqu mingħajr konsiderazzjoni ta' studju wieħed ta' intervent fuq il-bniedem indikat mill-applikant bħala riżervat ⁽⁵⁾.

⁽¹⁾ ĠUL 404, 30.12.2006, p. 9.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jstabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqs fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 851/2013 tat-3 ta' Settembru 2013 li jawtorizza ċerti indikazzjonijiet tas-saħħa dwar l-ikel, għminbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqs tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 (ĠUL 235, 4.9.2013, p. 3).⁽⁴⁾ EFSA Journal 2014;12(5):3654.⁽⁵⁾ ProDigest, 2012. Studju farmakokinetiku biex jivvaluta l-bijodisponibilità tal-flavanol tal-kawkaw epikateċin minn matriċi differenti. Rapport ProDigest nru PD-2015009/C1-11.

- (9) L-informazzjoni ġustifikabbli kollha mogħtija mill-applikant għet invaluata mill-Kummissjoni u tqies li r-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huma ssodisfati għall-istudju indikat bħala riżervat. Għalhekk, id-dejta xjentifika u informazzjoni oħra inklużi f'dak l-istudju ma jistgħux jintużaw għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għall-perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.
- (10) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 hu li jiżgura li d-dikjarazzjonijiet sanitarji jkunu veri, ċari, affidabbli u siewja għall-konsumatur, u li għal dan il-għan jitqiesu l-mod kif jitqiegħed il-kliem u l-preżen-tazzjoni. Għalhekk, meta l-kliem li juża l-applikant fid-dikjarazzjonijiet ikollu l-istess tifsira għall-konsumaturi bħal dak ta' dikjarazzjoni sanitarja awtorizzata, għax ikun juri l-istess relazzjoni li hemm bejn kategorija tal-ikel, tip ta' ikel jew xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-użu li jelenka l-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (11) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ir-Reġistru tad-dikjarazzjonijiet sanitarji dwar in-nutrizzjoni li fih id-dikjarazzjonijiet sanitarji awtorizzati kollha għandu jiġi aġġornat biex iqis dan ir-Regolament.
- (12) Peress li l-applikant qed jitlob protezzjoni ta' dejta riżervata, huwa meqjus xieraq li jkun ristrett l-użu ta' din id-dikjarazzjoni favur l-applikant għal perjodu ta' ħames snin. Madankollu, l-awtorizzazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni ristretta għall-użu ta' operatur individwali ma għandhiex twaqqaf lil applikanti oħrajn milli japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jużaw l-istess dikjarazzjoni f'każ li l-applikazzjoni hija bbażata fuq dejta u studji minbarra dawk protetti skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.
- (13) Il-kummenti mingħand l-applikant li rċeviet il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ġew ikkunsidrati fit-tfassil tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament.
- (14) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 432/2012 għandu jiġi emendat skont dan.
- (15) L-Istati Membri kienu kkonsultati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dikjarazzjoni sanitarja stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet permessi kif jistabbilixxi l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.
2. L-użu tad-dikjarazzjonijiet sanitarji msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jkun ristrett għall-applikant għal perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dik id-dikjarazzjoni sanitarja tista' tintuża, b'konfomità mal-kundizzjonijiet applikabbli għaliha, minn kwalunkwe operatur ta' negozju tal-ikel.

Artikolu 2

Id-dejta xjentifika u informazzjoni oħra inklużi fl-applikazzjoni, li hija indikata mill-applikant bħala riżervata u li mingħajr is-sottomissjoni tagħha d-dikjarazzjoni sanitarja ma setgħetx tiġi awtorizzata hija ristretta għall-użu għall-benefiċċju tal-applikant għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

Artikolu 3

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 432/2012, l-entrata għall-flavanoli tal-kawkaw tinbidel b'dan li ġej:

Nutrijent, sustanza, prodott tal-ikel jew kategorija tal-ikel	Dikjarazzjoni	Kundizzjonijiet tal-użu tad-dikjarazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tip ta' ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-EFSA Journal	Numru tal-annottazzjoni rilevanti fil-Lista Konsolidata mressqa lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
"Flavanoli tal-kawkaw"	Il-flavanoli tal-kawkaw jgħinu jżommu l-elastiċità tal-vażi tad-demm, li jikkontribwixxu għall-fluss normali tad-demm (****) (*****)	<p>Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz ta' doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' flavanoli tal-kawkaw.</p> <p>Id-dikjarazzjoni tista' tintuża biss għal xarbiet tal-kawkaw (bi trab tal-kawkaw) jew għal ċikkulata skura li ttiprovdi mill-inqas doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' flavanoli tal-kawkaw bi grad tal-polimerizzazzjoni ta' 1-10 (****)</p> <p>Id-dikjarazzjoni tista' tintuża biss għal kapsuli jew pilloli li fihom estratt tal-kawkaw b'doża għolja ta' flavanoli li jipprovdu mill-inqas doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' flavanoli tal-kawkaw bi grad tal-polimerizzazzjoni ta' 1-10. (*****)</p>	—	2012;10(7):2809 (****) 2014;12(5):3654 (*****)	—

(****) Awtorizzat fl-24 ta' Settembru 2013 ristrett għall-użu minn Barry Callebaut Belgium NV, Aalstersestraat 122, B-9280 Lebbeke-Wieze, il-Belġju, għal perjodu ta' ħames snin.

(*****) Awtorizzat fil-21 ta' April 2015 ristrett għall-użu minn Barry Callebaut Belgium NV, Aalstersestraat 122, B-9280 Lebbeke-Wieze, il-Belġju, għal perjodu ta' ħames snin."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/540**tal-31 ta' Marzu 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)			
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni	
0702 00 00	IL	139,9	
	MA	103,2	
	TR	124,4	
	ZZ	122,5	
0707 00 05	AL	119,5	
	MA	176,1	
	TR	143,1	
	ZZ	146,2	
0709 93 10	MA	117,6	
	TR	174,9	
	ZZ	146,3	
0805 10 20	EG	46,1	
	IL	71,7	
	MA	52,1	
	TN	54,4	
	TR	68,7	
	ZZ	58,6	
	ZZ	58,6	
0805 50 10	BO	92,8	
	TR	52,0	
	ZZ	72,4	
0808 10 80	AR	94,0	
	BR	73,1	
	CL	103,5	
	CN	97,0	
	MK	25,7	
	US	186,4	
	ZA	118,9	
	ZZ	99,8	
	0808 30 90	AR	127,3
		CL	140,2
CN		99,4	
ZA		122,1	
ZZ		122,3	

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/541

tal-24 ta' Marzu 2015

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2011/492/UE dwar il-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP"), min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽¹⁾ (il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), kif emendat ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE ⁽⁴⁾, il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġew konklużi u ttieħdu miżuri xierqa, kif speċifikat fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni.
- (2) Dawk il-miżuri xierqa ġew estiżi sad-19 ta' Lulju 2013 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/387/UE ⁽⁵⁾ u sussegwentement sad-19 ta' Lulju 2014 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/385/UE ⁽⁶⁾. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/467/UE ⁽⁷⁾ estendiet il-validità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE b'sena, sad-19 ta' Lulju 2015, iżda ssospendiet l-applikazzjoni tal-miżuri xierqa.
- (3) Fit-13 ta' April u fit-18 ta' Mejju 2014, fil-Guinea-Bissau kien hemm elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali paċifiċi, liberi u kredibbli u ritorn għall-ordni kostituzzjonali fil-pajjiż.
- (4) Ġie stabbilit gvern inklużiv li kien impenjat li jimplementa r-riformi meħtieġa għall-iżvilupp u l-istabbiltà fil-pajjiż, u sar progress inkoraġġanti lejn l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Artikolu 96 stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE.
- (5) Il-Guinea-Bissau għadha fraġli u l-awtoritajiet eletti demokratikament jeħtieġu l-appoġġ ta' msieħba internazzjonali sabiex jimplementaw il-programm ta' riforma u l-aġenda tal-iżvilupp tal-pajjiż.
- (6) Sabiex l-Unjoni tagħti appoġġ, flimkien ma' msieħba internazzjonali oħrajn, lill-isforzi kontinwi tal-awtoritajiet nazzjonali biex jiġu stabbilizzati u kkonsolidati l-istituzzjonijiet demokratiċi u biex jiġi promoss l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Guinea-Bissau, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE għandha tiġi rrevokata,

⁽¹⁾ ĠUL 317, 15.12.2000, p. 3

⁽²⁾ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠUL 287, 4.11.2010, p. 3).

⁽³⁾ ĠUL 317, 15.12.2000, p. 376, kif emendat bil-Ftehim intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, li jemenda l-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000 dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE (ĠUL 247, 9.9.2006, p. 48).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE tat-18 ta' Lulju 2011 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Guinea Bissaw skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠUL 203, 6.8.2011, p. 2).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/387/UE tas-16 ta' Lulju 2012 li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa fid-Deċiżjoni 2011/492/UE (ĠUL 187, 17.7.2012, p. 1).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/385/UE tal-15 ta' Lulju 2013 li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa fid-Deċiżjoni 2011/492/UE (ĠUL 194, 17.7.2013, p. 6).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/467/UE tal-14 ta' Lulju 2014 li ttawwal il-validità tad-Deċiżjoni 2011/492/UE u li tissospendi l-applikazzjoni tal-miżuri xierqa tagħha (ĠUL 212, 18.7.2014, p. 12).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/492/UE hija rrevokata.

Artikolu 2

L-ittra fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

ANNEX

Ittra mill-Unjoni lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau

L-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau,

L-Eċċellenza Tiegħu l-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau,

Sinjuri,

L-Unjoni Ewropea (UE) tinsab inkoraġġita ħafna bil-kisbiet tal-Guinea-Bissau matul is-sena li għaddiet. Bl-elezzjonijiet ġenerali paċifiċi u kredibbli li saru f'April u f'Mejju 2014, il-pajjiż qaleb il-folja u stabilixxa awtoritajiet eletti b'mod demokratiku, fosthom gvern inklużiv li nemmnu li huwa impenjat li jibni mill-ġdid il-pajjiż, li jsaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi tiegħu u li jimxi fit-triq li twassal għal stabbiltà soċjopolitika u għal żvilupp ekonomiku.

Fid-dawl tar-ristabiliment tal-ordni kostituzzjonali u tal-progress li sar lejn l-impenji tal-Guinea-Bissau skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, kif ukoll tal-impenji li ttieħdu min-naħa tagħkom biex issegwu l-implimentazzjoni tagħhom permezz tat-tweqqif tar-riformi meħtieġa u billi tieħdu l-azzjoni xierqa, bi pjaċir nġarrfukom li l-miżuri li mill-2011 illimitaw l-ambitu tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bejn l-UE u l-Guinea-Bissau ġew revokati. Għalhekk qed nerġgħu nibdew b'mod sħiħ il-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiż tagħkom.

Billi l-Guinea-Bissau għadha qed tiffaċċja bosta sfidi politiċi u soċjoekonomiċi, nixtiequ nhegġgukom tibqgħu magħqudin u tkompli bl-isforzi tagħkom biex issaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi, twettqu riforma ġenwina tas-settur tas-sigurtà, issaħħu l-istat tad-dritt, tiġġieldu kontra l-korruzzjoni, l-impunità u t-traffikar tad-droga, u tippromwovu l-iżvilupp sostenibbli. L-UE tibqa' viċin tagħkom u tappoġġja l-isforzi kollha li jsiru f'din id-direzzjoni.

Tabilħaqq, it-tneħħija tal-miżuri xierqa skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou tippermettilna li nġinukom fl-organizzazzjoni tar-Round Table dwar il-Guinea-Bissau fil-25 ta' Marzu 2015 fi Brussell u li nikkontribwixxu b'mod sħiħ għas-suċċess tagħha.

Barra minn hekk, ser inkomplu bil-fażi ta' konsultazzjoni u tħejjija tal-11-il Fond Ewropew għall-iżvilupp flimkien mal-gvern tagħkom bil-ħsieb li niffirmaw mill-aktar fis possibbli l-Programm Nazzjonali Indikattiv li se jappoġġjakom fl-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma ambizzjuż tagħkom.

Fl-aħħarnett, nistennew b'ħerqa mhux biss l-involvement mill-ġdid u sħiħ mal-Guinea-Bissau permezz tal-iżvilupp, iżda wkoll it-tisħiħ tad-djalogu politiku tagħna skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou.

Dejjem tagħkom,

Għall-Kunsill

F. MOGHERINI

*Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet
Barranin u l-Politika ta' Sigurtà*

Għall-Kummissjoni

N. MIMICA

Kummissarju

DEĊIŻJONI Nru 1/2015 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-ISVIZZERA**tal-20 ta' Marzu 2015****li temenda t-Tabelli III u IV(b) tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati [2015/542]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera ffirmat fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1972 ⁽¹⁾, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", kif emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Ftehim it-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati ⁽²⁾ ffirmat fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004, u l-Protokoll Nru 2 tiegħu, u b'mod partikulari l-Artikolu 7 ta' dak il-Protokoll,

Billi:

- (1) Għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, ġew stabbiliti prezzijiet ta' referenza domestiċi għall-Partijiet Kontraenti.
- (2) Fis-swieq domestiċi tal-Partijiet Kontraenti nbidlu l-prezzijiet reali tal-materja prima li japplikaw għaliha l-miżuri ta' kumpens tal-prezzijiet.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li l-prezzijiet ta' referenza u l-ammonti elenkati fit-Tabelli III u IV (b) tal-Protokoll Nru 2 jiġu aġġornati kif xieraq.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

- (a) It-Tabella III hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) Fit-Tabella IV, il-punt (b) huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija tapplika mill-1 ta' April 2015.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2015,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
Jean-Luc DEMARTY

⁽¹⁾ ĠUL 300, 31.12.1972, p. 189.

⁽²⁾ ĠUL 23, 26.1.2005, p. 19.

ANNEX I

"TABELLA III

Prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-Isvizzera u tal-UE

Agrikoltura Materja prima	Prezz domestiku Svizzeru prezz ta' referenza	Prezz domestiku tal-UE prezz ta' referenza	l-Artikolu 4(1) Applikat fuq in-naħa Svizzera Differenza Svizzera/UE prezz ta' referenza	l-Artikolu 3(3) Applikat fuq in-naħa tal-UE Differenza Svizzera/UE prezz ta' referenza
	CHF għal kull 100 kg nett	CHF għal kull 100 kg nett	CHF għal kull 100 kg nett	EUR għal kull 100 kg nett
Qamħ komuni	52,35	22,60	29,75	0,00
Qamħ durum	—	—	1,20	0,00
Segala	44,30	19,25	25,05	0,00
Xgħir	—	—	—	—
Qamħirrun	—	—	—	—
Dqiq tal-qamħ komuni	93,05	44,90	48,15	0,00
Trab tal-ħalib mhux xkumat (whole milk powder)	648,75	393,20	255,55	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	430,00	350,70	79,30	0,00
Butir	1 101,55	435,85	665,70	0,00
Zokkor abjad	—	—	—	—
Bajd	—	—	38,00	0,00
Patata friska	42,05	13,35	28,70	0,00
Xaħam veġetali	—	—	170,00	0,00"

ANNEX II

TABELLA IV

“(b) L-ammonti bażiċi għal materja prima agrikola meqjusa għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli:

Materja prima agrikola	Ammont bażiku applikat fuq in-naħa Svizzera L-Artikolu 3(2)	Ammont bażiku applikat fuq in-naħa tal-UE L-Artikolu 4(2)
	CHF għal kull 100 kg nett	EUR għal kull 100 kg nett
Qamħ komuni	25,00	0,00
Qamħ durum	1,00	0,00
Segala	20,90	0,00
Xgħir	—	—
Qamħirrun	—	—
Dqiq tal-qamħ komuni	41,00	0,00
Trab tal-ħalib mhux xkumat (whole milk powder)	215,95	0,00
Trab tal-ħalib xkumat	67,00	0,00
Butir	560,60	0,00
Zokkor abjad	—	—
Bajd	32,00	0,00
Patata friska	22,35	0,00
Xaħam veġetali	145,00	0,00”

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT